MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2014

Talba Numru. 292/2014

**GO p.l.c. [C-22334]**

**Vs**

**Fiona CUCCIARDI [ID. Nru. 549381M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-30 ta' April 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallsha s-somma ta' sitt mija sitta u erbghin euro u disgha u erbghin ċenteżmi ta' euro [€646.49c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt mija sitta u erbghin ewro u disgha u erbghin centezmu (€646.49) in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 33 (AC40182282), u li jinkludi telefon 21821541; servizz ta' televisjoni

1425142435, u servizz ta' internet, liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta' kuntratt datat 18 t'Awwissu 2011.

Illi nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 2862/13, u bl-imghaxijiet legali sa mill-25 ta' Novembru 2013, data tal-imsemmija ittra ufficjali".

Ra li l-intimat minkejja li ma ġietx debitament notifikata, resqet nota fil-25 ta' Gunju, 2014 li permezz taghha hija ammettiet l-kawza kif dedotta fit-talba.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimata tas-somma ta' sitt mija sitta u erbghin euro u disgha u erbghin ċenteżmi ta' euro [€646.49c] rapprezentanti bilanc dovut ghal servizzi u prodotti provduti lill-intimata mis-socjeta rikorrenti.

Ikkunsidra;

2. L-intimata resqet, fil-25 ta' Gunju, 2014 nota li permezz taghha ammettiet l-kawza kif dedotta fit-talba.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. In vista ta' din l-ammissjoni ta' l-intimata, it-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jiddikjara li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ta' sitt mija sitta u erbghin euro u disgha u erbghin ċenteżmi ta' euro [€646.49c] huwa dovut mill-intimata.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tar-rikorrenti kif kontenuta fit-Talba u konsegwentement jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' sitt mija sitta u erbghin euro u disgha u erbghin ċenteżmi ta' euro [€646.49c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

L-ispejjez huma kollha a kariku tal-intimata, inkluż dawk ta' l-ittra uffiċjali numru 2862/13.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------